MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru 54/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Nathaniel Agius, 20 sena, iben Joseph u Maria Assunta nee' Bajada, imwieled Victoria, nhar il-15 ta' Gunju 1993, residenti fil-fond numru 38, Triq il-Manwala, Xewkija u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 24293(G)**

U

**Joemar Saliba 20 sena, bin Emanuel u Ellis nee' Azzopardi, imwieled ir-Rabat nhar il-04 ta' Novembru 1992 residenti fil-fond numru 180, Triq San Bert, Xewkija u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 39792(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Nathaniel Agius u Joemar Saliba li gew akkuzati talli nhar il-20 ta' Mejju 2011 gewwa l-inhawi maghrufa bhala Ta' Cenc, limiti ta Sannat u/jew f'lokalitajiet ohra f' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a. Ikkaccjaw jew ipprovaw jikkaccjaw, jiehdu jew ipprovaw jiehdu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' Cikonja , *Ciconia ciconia* mhux skond dawn ir-regolamenti u mhux skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom u dan bi ksur tar-regolament 4(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;
b. Ikkaccjaw jew ipprovaw jikkaccjaw lil xi ghasfur li mhux imsemmi fl-Iskeda II tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Cikonja *Ciconia ciconia*, bi ksur tar-regolament 5(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;
c. Ikkaccjaw fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A ta'l-Iskeda II ta'l-A.L.79 tal-2006 u cioe' Cikonja *Ciconia ciconia*, u dan bi ksur tar-regolament 5 (3)(a) ta'l-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat.
d. Waqt l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar ikkaccjaw jew ipprovaw jikkaccjaw xi ghasfur jew garrew munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha bi ksur ta' regolament 18(1)(a) tal-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat.
e. Ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, hadu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur billi uzaw arma semi-awtomatika b'kompartiment ghall-iskratac li kapaci jzomm izjed minn zewg tiri ta' munizzjon, u dan bi ksur ta' regolament 7(2) ta'l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.
f. Uzaw jew zammew kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa ipprojbit taht is-sub-regolament (1) ta' regolament 7 ta'l-A.L.79 tal-2006 u cioe' arma semi-awtomatika jew awtomatika b'kompartiment ghall-iskratac li kapaci jzomm izjed minn zewg tiri ta' munizzjon u dan bi ksur ta' regolament 7(2) ta'l-A.L.79 tal-2006, hekk kif emendat.

g. Bieghhew, offrew ghal bejgh, garrew, kontu fil-pussess, ikkaccjaw jew uzaw, importaw jew iffabbrikaw xi skartocc ikkargat b'xi comb ta' dijametru akbar minn 3.3mm bi ksur ta' regolament 22 ta'l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.
h. Waqt li kienu fil-vettura tal-marka Daihatsu tip Feroza bin-numru tar-registrazzoni VSL002, kellhom pussess ta' arma tan-nar ikkargata jew barra mill-ghata taghha, jew dortu ghal xi ghasfur, jew ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw, hadu jew ippruvaw jiehdu xi ghasfur bi ksur tar-regolament 18(1)(g) ta'l-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat.
i. Ukoll talli nhar il-20 ta' Mejju 2011, gewwa Ta' Cenc, limiti ta' Sannat, u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar tal-marka Benelli u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

LIL Nathaniel Agius wahdu:

j) zamm xi ghasfur kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi, kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn r-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie iddikjarat u registrat ma'l-Awtorita Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma inghata il-permessi jew certifikati mill-Awtorita Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta'l-A.L.79 ta'l-2006 hekk kif emendat.

k) zamm ghasfur kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew fl-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi u meta dak l-ghasfur ma kienx ttiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzoni ta'l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat Membru l-iehor u dan l-

ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(f) ta'l-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat.

l) Kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li ma kenux gew irregistrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat u dan bi ksur ta' regolament 21(5) ta'l-A.L.79 ta'l-2006 hekk kif emendat.

m) ikkonffoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta parir jew flus lil xi haddiehor sabiex jimmonta jew jibbalzma lil xi ghasfur li mhux inkluz l-iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta'l-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' regolament 21(2) u 27(1)(d) ta'l-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax mal-ewwel in-nuqqasijiet serji fil-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni f'dana l-*iter* processwali. Illi hafna provi kemm fattwali kif ukoll cirkostanzjali u provi forsensici li kienu necessarji f'dina l-istanza sabiex jitfghu dawl fuq l-elenku ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputati ma sarux. Ibda biex l-arma tan-nar elevata mill-pussess ta'l-imputati ghalkemm indikat mix-xhud PS676 Edelon Spiteri li qed jesebieha formalment qatt ma giet esebieta materjalment billi jidher illi kien hemm xi problema sabiex tinfetah l-*istrongroom* fejn kienu qed jinzamu l-esebieti gewwa l-ghassa tal-pulizija. Lanqas l-iskratac u il-munizjon li gew elevati ma gew esebieti, la materjalment u lanqas formalment. Jidher ukoll mill-provi akkwizti u senjatament mill-istqarrija ta'l-imputat Nathaniel Agius u ix-xhieda tal-PC883 Paul Azzopardi illi kien gie elevat *mobile phone* ta'l-istess imputat billi kien jikkontjeni

xi messaggi bejnu u bejn l-imputat l-iehor fejn kienu qed jifthiemu biex imorru ghal kacca. Dana it-telefon cellulari, izda qatt ma gie esebiet. Illi ukoll il-prosekuzzjoni tezebixxi kaxxa b’erbatax-il tajra ibbalzmata li gew elevati minn ghand l-imputat Nathaniel Agius. Illi il-Qorti tosserva illi l-ebda rapprezentant tal-Ambjent dwar ir-Risorzi u l-Ippjanar ma tressaq jixhed, kif solitu isir f’dawn il-kawzi, sabiex jaghmel elenku tal-ghasafar li gew maqbuda u ir-razza taghhom u jekk humiex protetti bil-ligi. Lanqas biss hemm prova fl-atti ukoll dwar xi permess f’isem l-imputat Agius in konnessjoni maz-zamma ta’ dawn l-ghasafar u jekk l-istess gewx iddikjarati mal-Awtoritajiet Kompetenti.

Illi fl-atti ghalhekk hemm biss ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur li investiga dana il-kaz, tal-ufficjali tal-pulizija li intercettaw lill-imputati, arrestawhom u ghamlu it-tfittxijiet fir-residenzi taghhom u fil-vettura u l-istqarrijiet ta’l-imputati.

Illi jidher illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija f’dana il-kaz skattaw wara telefonata anonima li saret fl-ghassa tal-pulizija tar-Rabat Ghawdex fejn gie allegat illi kien hemm xi persuni li qed jikkaccjaw ic-cikonja li kienet qed iddur fl-inhawi tal-gzira Ghawdxija f’dak il-perijodu taz-zmien. Giet ukoll indikata vettura bin-numru ta’ registrazzjoni VSL002. Il-pulizija ghalhekk bdew jaghmlu ir-ronda taghhom u kif waslu hdejn Ta’ Cenc huma lemhu dina il-vettura fejn go fiha kien hemm l-imputati. L-imputat Agius kif lemah il-pulizija ipprova jinzel mill-vettura, izda gie mizmum u saret tfittxija fil-vettura fejn minn naha tal-passiggier giet elevata arma tan-nar tal-ghamla Benelli minghajr numru serjali u xi skratac u munizzjoni. L-imputati jigu arrestati fejn issir tfittxija ukoll fir-residenzi rispettivi taghhom u filwaqt illi it-tfittxija fir-residenza ta’l-imputat Saliba irrizultat fin-negattiv, fir-residenza ta’l-imputat Agius giet misjuba kaxxa b’erbatax-il tajra ibbalzmata. Din giet elevata mill-pulizija u hija esebieta in atti.

Illi z-zewg imputati jirrilaxxjaw stqarrija fejn l-imputat Agius jammetti illi kien hareg ma’ siehbu ghax ried imur ghal kacca billi kien semgha li kien hemm ic-cikonja ittir fl-inhawi. Ighid illi is-senter kien sabu xi tlett ijiem qabel

mohbi gewwa ghalqa li tinsab faccata tal-ghalqa tal-familja tieghu. Ighid illi f'dak il-jum huwa kien diga ipprova jispara ghal dana it-tajr izda ma laqtux. Aktar tard kien ikkonvinca lil siehbu Joemar Saliba sabiex iwasslu halli jerga jipprova imur jikkaccjhom, izda gew intercettati mill-pulizija.

Rigward it-tajr ibbalzmat jammetti illi dawn kien sabhom mormija gewwa l-eghlieqi u kien ibbalzmhom. Ighid ukoll illi is-senter kien ikkargat b'iktar minn tlett iskratac fil-kompartiment tieghu ghaliex huwa kien sabu hekk u uzah kif sabu[1].

L-imputat l-iehor Joemar Saliba minn naha tieghu, meta interrogat, jichad illi huwa kien hareg ghal kacca, u jafferma illi huwa kien hareg ma'l-imputat l-iehor billi kien wasslu bil-karozza tieghu. Jichad ukoll illi l-arma tan-nar misjuba mill-pulizija u il-munizzjon jappartjenu lilu. L-imputat Saliba jigi mistoqsi fuq xi messaggi li kien baghat lill-imputat l-iehor dwar kacca, izda huwa innega li kien mar ghal kacca mieghu. Kif diga inghad dana it-telefon cellulari qatt ma gie esebiet in atti.[2]

Illi fl-atti xehdu il-pulizija li intercettaw lill-imputati u kollha jikkonfermaw illi l-imputati gew imwaqqfa filwaqt li kienu fil-vettura misjuqa mill-imputat Joemar Saliba. Fuq in-naha tal-passiggier fejn kien jinsab bil-qeghda l-imputat Agius instabu l-arma tan-nar u il-munizzjon. Is-surgent Edelon Spiteri jikkonferma illi l-arma tan-nar kienet tal-ghamla Benelli izda ma kienx fiha numru serjali u ezebixxa l-istess arma formalment. L-iskratac u il-munizzjoni izda baqghu qatt ma gew esebieti.

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat Nathaniel Agius instab flimkien ma' siehbu l-imputat l-iehor Joemar Saliba, barra ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija f'vettura fejn go dina il-vettura kien hemm arma tan-nar u munizzjon. Ma hemmx dubbju lanqas illi fil-jum indikat fl-akkuza l-istagun ghal

[1] Ara stqarrija Dokument JM3 a fol.38
[2] Ara stqarrija ta'l-imputat Joemar Saliba a fol.41

kacca kien maghluq. Illi f'dak iz-zmien, skond ma ighid l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu, jidher illi kien hemm hafna storks, jew cikonja qed iduru fl-inhawi tal-gzejjer maltin. Dana madanakollu ma giex ikkonfermat mill-ebda rappresentant mid-Dipartiment tal-Ambjent. L-ebda wiehed mill-imputati ma gie intercettat jispara fuq xi wahda minn dawn it-tajr u lanqas fuq l-ebda speci ta' tajr iehor. Huwa biss mill-istqarrija ta'l-imputat Nathaniel Agius illi jirrizulta minn ammissjoni tieghu stess illi kien qed jipprova jikkaccja ghal dan l-ispeci ta' tajr, izda minghajr success.

Illi r-regolament 15 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 jiddisponi:
"**Sakemm ma tingiebx prova kuntrarja, kull persuna li …. matul xi stagun maghluq tinsab barra fil-miftuh fil-kampanja sew jekk fuq l-art tieghu, sew jekk fuq l-art ta' xi persuna ohra, jew ukoll barra minn dik l-art, jew jinsab fuq il-bahar iggorr arma tan-nar jew munizzjon ghat-tehid tal-kacca hija ghandha titqies li tkun qieghda iddur ghall-ghasafar.**"

Illi f'sentenza moghtija mill- Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Darmanin** moghtija fid-9 ta' Lulju 2002 jinghad:
"Iżda l-liġi mkien ma tgħid li l-Prosekuzzjoni trid tipprova li xi ħadd spara. Il-Leġislatur juża kelma oħra 'tikkaċċja' liema kelma mhix limitata għall-isparar iżda tfisser ukoll li wieħed jiġri wara l-annimal li jrid jaqbad. Id-definizzjoni ta' 'kaċċa' li tidher fl-Avviż Legali hija hekk:
" 'kaċċa' u 'tikkaċċja' tfisser tikkaċċja jew tuża arma tan-nar jew arma oħra ta' kull tip sabiex tikkaċċja.
"Il-konġunzjoni alternattiva 'jew' użata mil-Leġislatur turi li l-kelma 'kaċċa' mhux bilfors tfisser użu ta' arma. Id-definizzjoni tagħti tifsira aktar wiesgħa tal-kalma 'kaċċa' u mhix limitata għal xi sparatura biss.
"Li trid tagħmel il-Prosekuzzjoni huwa li tippreżenta provi diretti jew provi ċirkostanzjali univoċi – li għandhom jistgħu jkunu biżżejjed biex iwassluk għall-konklużjoni loġika u intelliġenti – li ma jħallu ebda dubju li persuna kienet qed tikkaċċja."

Illi kif diga inghad meta l-imputati gew intercettati mill-pulizija giet misjuba arma tan-nar u munizzjoni fuq in-naha tal-passiggier fejn kien bil-qieghda l-imputat Nathaniel Agius li mal-ewwel jammetti illi dawk kienu tieghu u li kien sabhom xi tlett ijiem qabel go xi ghalqa. Illi ghalkemm l-Qorti qajla temmen lill-imputat meta ighid dan, madanakollu ma hemmx dubbju minn dak li ighid kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll mic-cirkostanzi fejn instabet dina l-arma u il-munizzjoni illi kien l-imputat Agius li kellu l-intenzjoni jaghmel uzu minnhom. Illi di piu' l-imputati gew imwaqqfa mill-pulizija filwaqt li kienu f'vettura fil-kampanja ghalkemm mhux f'ghalqa jew f'xi eghlieqi. Illi ghalhekk minn dawn il-provi abbinati mal-presunzjoni legali stabbilita fir-regolament 15 hawn fuq iccitat ma hemmx dubbju illi l-imputat Nathaniel Agius kien qieghed barra armat idur sabiex ifittex dan it-tajr kif indikat fl-akkuza. Illi l-arma tan-nar li instabet fil-pussess ta' Agius kellha fiha hamest iskratac u kwindi ma hemmx dubbju lanqas illi hemm vjolazzjoni tar-regolament 18(1)(a), u (2)(b) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, kif ukoll ir-regolament 7(1)(k). Ghalhekk l-ewwel sitt akkuzi jirrizultaw ippruvati ghalkemm hemm l-assorbiment ta' xi reati f'ohrajn. Illi l-istess ma jistax jinghad ghas-sebgha akkuza billi l-iskratac u il-munizzjon qatt ma gew esebieti in atti la formalment u wisq anqas materjalment u kwindi il-Qorti ma tistax tistabbilixxi x'tip ta' skratac kienu u id-daqs taghhom.

Illi l-imputat qieghed jiffaccja ukoll l-akkuza dwar il-garr ta' arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dana bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mix-xhieda tal-PS369 Joseph Mizzi jirrizulta illi ma hemm l-ebda arma tan-nar irregistrata fuq isem l-imputati. Di piu' l-imputat Nathaniel Agius fl-istqarrija tieghu ighid illi dina l-arma tan-nar u il-munizzjon ma kenux tieghu u kwindi ma hemmx dubbju li ma kenux irregistrati f'ismu, oltre il-fatt illi l-imputat kien ghadu minorenni fiz-zmien tal-kummissjoni ta' dan ir-reat.

Illi l-imputat Nathaniel Agius jinsab akkuzat ukoll illi kellu fil-pussess tieghu tajr ibbalzmat meta dawn ma kenux gew iddikjarati u irregistrati mal-Awtorita Kompetenti u

dana sal-31 ta' Mejju 2003 u minghar ma inghata l-ebda permess jew certifikat mill-istess Awtorita. Illi f'dana il-kaz il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq rapprezentant mill-Awtorita sabiex tikkonferma dana il-fatt. Madanakollu mill-istqarrija tieghu l-imputat stess jammetti li kien sab dawn l-ghasafar u ibbalzmahom. Di piu', kif diga inghad, l-imputat kien minorenni u ghalhekk ma hemmx dubbju illi ma seta' qatt ikun illi huwa ghamel xi dikjarazzjoni kif trid il-ligi jew inghata xi permess jew certifikat mill-Awtorita'.

Illi fir-rigward ta'l-ahhar tlett akkuzi migjuba kontra l-imputat Agius, jinghad illi f'dawn l-akkuzi issir referenza ghal speci partikolari ta' ghasafar u cioe' dawk li mhux inkluzi fl-Iskeda II u/jew III ta'l-Avviz Legali. Illi ghalkemm dana it-tajr gie esebiet fl-atti tal-kawza, madanakollu l-Qorti tistqarr illi mhijiex kompetenti sabiex tistabbilixxi l-ispeci ta' dawn it-tajr jew jekk l-istess humiex dawk indikati l-Iskeda II jew III. Il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressqa xhud appozitu sabiex jassisti lill-Qorti fl-identifikazzjoni ta' dana it-tajr u kwindi fin-nuqqas ta' dina l-prova il-Qorti ma tistax issib htija ghal dawn it-tlett akkuzi.

Ikkunsidrat,

Illi rigward l-imputat Joemar Saliba, ghalkemm jirrizulta illi huwa kien prezenti flimkien ma'l-imputat meta dawn gew imwaqqfa mill-pulizija, madanakollu ma hemmx l-icken prova fl-atti li tista' tindika illi huwa kien ser jikkaccja. Dana ghaliex ghalkemm l-arma tan-nar u il-munizzjoni instabu fil-vettura misjuqa minnu, madanakollu ma giex stabbilit jekk dik il-vettura kenitx tappartjeni lilu. Di piu' dawn instabu fuq in-naha tal-passiggier fejn instab l-imputat Nathaniel Agius u mhux per ezempju wara fil-baggoll jew fuq is-seat ta' wara tal-vettura. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jichad l-involviment tieghu f'dana il-kaz u jistqarr illi huwa kien accetta li iwassal lil siehbu bil-vettura tieghu ghal kacca u dana wara li Agius baqa' jinsisti mieghu biex jaghmel dan. Ighid inoltre illi huwa mhuwiex dilettant tal-kacca. Illi provi kuntrarju ghal dak li ighid l-imputat fl-istqarrija tieghu ma hemmx u kwindi fin-nuqqas ta' provi il-Qorti ser tghaddi biex tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat Nathaniel Agius, il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi huwa kien minorenni fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati li dwarhom ser tinstab htija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e), 5(1)(3)(a), 18(1)(a)(g), 7(1)(k)(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71, l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 17(h) u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat Joemar Saliba mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tillibera lill-imputat Nathaniel Agius mill-akkuzi bl-ittri (g), (k), (l) u (m), issibu hati tal-kumplament ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ammenda €58 li ghandha tithallas fi zmien ghaxart ijiem mil-lum.

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokument JM1, li ghandu jigi mghoddi mir-Registratur tal-Qorti lil muzew f’Ghawdex fejn jinzamm it-tajr ibbalzmat ghal wiri.

Il-Qorti tordna ukoll il-konfiska tal-arma tan-nar Benelli minghajr numru serjali li hija esebieta formalment fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------